**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2016 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. Ir-Reklami u l-Konsumatur

- L-importanza tar-reklami: informazzjoni fuq prodotti fis-suq; iħajru għax-xiri; juru l-benefiċċju li għandu prodott.
- L-effetti tajbin tar-reklami.
- Il-ħsara tar-reklami: xiri bla bżonn; ir-reklami ħafna drabi juru biċċa mir-realtà; juru ħafna tlellix żejjed.
- L-effett tat-telebejgħ fuq il-konsumatur.
- Ir-reklami jistgħu jwasslu biex diversi nies jiddejnu?
- Ir-reklamar hu arti: reklam maħdum tajjeb jingħażel minn reklam ta' livell baxx artistikament.
- L-edukazzjoni fl-għażla tax-xiri tal-prodotti.
- Liġijiet favur il-konsumatur. L-importanza tal-Għaqdiet tal-konsumatur.
- L-abbuż tal-bejjiegħ mil-liġijiet.

## 2. Il-baħar huwa sabiħ u perikoluż fl-istess ħin

- Għaliex naħsbu li l-baħar huwa sabiħ?
- Għaliex aħna, bħala nies li ngħixu fuq gżira, inqisuh bħallikieku kien xi biċċa mill-pajjiż stess?
- Xi ħsibijiet jiġuk kull meta tqabbel iċ-ċokon ta' Malta mal-kobor mingħajr qies tal-baħar?
- Il-baħar bħala għajn ta' ħajja u riżorsi.
- Il-baħar bħala għajn ta' għajxien għal bosta nies.
- Jekk tħares lejn il-baħar fi staġuni differenti, xi ħsibijiet differenti jgħaddu minn moħħok?
- Għaliex il-baħar huwa mhux biss sabiħ imma wkoll perikoluż? Liema huma l-perikli ewlenin, u kif nistgħu nħarsu lilna nfusna minnhom?
- Il-baħar huwa sikwit il-kawża ta' traġedji mhux biss għall-Maltin imma wkoll għal xi barranin li jiġu bħala turisti. Għaliex taħseb li jsir dan?
- X'għandu jsir biex traġedji bħal dawn ma jibqgħux iseħħu?
- L-għawm huwa biss delizzju, passatemp, divertiment, jew huwa wkoll bżonn għas-saħħa tal-ġisem?
- Taħseb li l-għawm huwa popolari daqskemm imissu jkun, meta nqisu li jagħmel il-ġid lill-għawwiem?
- Sports ieħor marbut mal-baħar.
- Minn kemm dort inħawi Maltin fejn hemm il-baħar, liema huma l-isbaħ għalik? U għaliex taħseb hekk?

## 3. Il-manjieri

- Xi tfisser 'manjieri' għalik? (kif tiekol, kif tidher, kif titkellem, kif tintroduċi lilek innifsek, kif tieħu b'id xi ħadd, kif tagħmel talba, kif trodd ħajr – il-bażi ta' kull tip ta' interazzjoni bejn il-bnedmin).
- Tista' tagħtini xi eżempji ta' manjieri tajba u ta' manjieri ħżiena? (Eżempji ta' manjieri tajba: tislima filgħodu kmieni, tistenna fil-*queue*, tiftaħ il-bieba tal-karozza għal xi ħadd, tħalli lil xi ħadd jgħaddi qablek, tgħin lix-xjuħ, taqsam l-ikel tiegħek ma' xi ħadd... Manjieri ħżiena: titkellem ħażin, tmeċlaq waqt l-ikel, ma tagħtix ċans lil ħaddieħor jitkellem f'konverżazzjoni...).
- Taħseb li huwa importanti li lit-tfal inderruhom minn kmieni l-manjieri tajbin? Għaliex?
- Taħseb li l-manjieri tiegħek jikxfu tassew x'int?
- Taħseb li l-manjieri tagħna jaf ikollhom effett fuq ħaddieħor? Kif?
- Il-manjieri rridu naddattawhom skont iċ-ċirkustanza, skont fejn inkunu, skont ma' min inkunu. Taqbel? Importanti dejjem ir-rispett, il-kunsiderazzjoni u l-onestà.
- Taħseb li persuna tkun qed tonqos jekk tibdel il-manjieri tagħha skont jekk tkunx quddiem in-nies jew jekk tkunx weħidha? Eż. jekk titfewwaq quddiem in-nies/titfewwaq meta tkun waħdek...
- Taħseb li r-rwoli u l-aspettazzjonjiet tal-kbar u taż-żgħar kapaċi jħallu effett fuq il-mod kif inġibu ruħna, fuq il-manjieri tagħna?
- Taħseb li l-manjieri huma kulturali? Dak li jdejjaq lil xi ħadd Malti bilfors idejjaq lil xi ħadd ta' nazzjonalità oħra?
- Tuża manjieri tajba, għax hekk jaqbillek, għax tħossok aħjar jew għax hekk għandu jkun?

## 4. Għaliex il-barranin jiġu jgħixu Malta?

- Taħseb li n-numru ta' barranin li qed jiġu jgħixu Malta qed jiżdied minħabba d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea?
- Għaliex taħseb li qed jiġu daqstant barranin? (Għal skop ta' xogħol, biex jirtiraw hawn Malta, minħabba l-klima ta' pajjiżna...).
- Taħseb li jkollhom problemi ta' integrazzjoni? Kemm tassew qed jintegraw jew jixtiequ jintegraw fis-soċjetà Maltija?
- Taħseb li t-tfal tagħhom isibuha daqshekk diffiċli biex jintegraw?
- Kemm aħna lesti li nintegrawhom fis-soċjetà Maltija? Taħseb li aħna l-Maltin razzisti?
- Taħseb li lill-barranin nistmawhom kollha bl-istess mod?
- Taħseb li l-barranin huma ta' theddida għas-soċjetà Maltija? Kif? Drawwiet, reliġjon, lingwa, sigurtà, l-identità tagħna ...
- Dawn qed jeħdulna xogħolna?

- F’xi xogħlijiet qed naraw barranin biss. Taħseb li dan qed joħloq gruppi partikolari fis-soċjetà Maltija?
- Kif taħseb li l-barranin jistgħu jkunu ta’ għajnuna għas-soċjetà Maltija?
- Taħseb li għandu jkollhom l-istess drittijiet bħall-bqija tal-Maltin?
- Taqbel li dawn il-barranin għandhom jitgħallmu l-Malti jew jistgħu jinqdew b’xi lingwa oħra?
- Taħseb li jkun jaqbel lill-Maltin jekk dawn il-barranin jitgħallmu l-Malti? (Is-sevizz pubbliku, eż. wejters, tobba, infermiera...)

**5. Il-kuluri fil-ħajja**

- Il-ħajja hija mimlija kuluri. Tista’ ssemmili xi kuluri li toffrilna n-natura? (qawsalla, siġar, fjuri, ħaxix, annimali, il-kuluri abbinati mar-razza tal-bniedem... abjad, iswed, isfar...)
- Tista’ ssemmi xi kuluri ta’ affarijiet magħmula mill-bniedem? (ilbies, bini, murtali...)
- Għandek kulur favorit? Għaliex tħobbu?
- Jgħidu li l-ewwel ma jolqot ħafna drabi huwa l-kulur ... meta nixtru karozza, ħwejjeġ, eċċ. Taħseb li huwa veru u għaliex?
- Taħseb li l-kuluri għandhom xi tifsira partikolari? (aħdar = ġdid, frisk, naturali; aħmar = periklu/demm; isfar = biża’, ġjufija...)
- Ġieli smajt bil-‘kuluri kesħin’ jew bil-‘kuluri sħan’? X’taħseb li huma?
- Taħseb li l-kuluri jistgħu jaffettwaw il-burdata tal-bniedem? Kuluri li jferrħu, kuluri li jdejqu ’l-bniedem...
- Taħseb li l-kuluri għandhom xi siwi f’ħajjitna? (jgħinu l-analfabeti, karozzi tal-linja b’kuluri differenti minflok bin-numri, il-kulur tas-swali fl-isptar...)
- X’importanza għandhom il-kuluri fl-arti? (Xogħol il-pittur. L-għaxqa tiegħu joħloq dinja ta’ lwien.)
- Kieku kellek tagħżel bejn film/ritratt bil-kulur jew film/ritratt abjad u iswed, liema tagħżel? Għaliex?
- Taħseb li min hu *colour blind* għandu xi żvantaġġi? Ċerti xogħlijiet ma jaċċettawx nies li jkunu hekk.
- Fil-lingwa ta’ spiss jissemmew il-kuluri f’espressjonijiet u tixbihat biex jitwasslu tifsiriet partikolari. Tista’ ssemmi xi wħud minn dawn fil-Malti u tagħti t-tifsira tagħhom? (iswed dlam, aħdar ħaxix, aħmar nar, abjad silġ/karti...)
- Kif taħseb li kienet tkun id-Dinja mingħajr kuluri?

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2016 |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IR-REKLAMI U L-KONSUMATUR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2016 |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-BAĦAR HUWA SABIĦ U PERIKOLUŻ FL-ISTESS ĦIN

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2016 |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-MANJIERI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2016 |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## GĦALIEX IL-BARRANIN JIĠU JGĦIXU MALTA?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2016 |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-KULURI FIL-ĦAJJA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2016 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 a.m. sa 12.05 |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## TAQSIMA A
## Il-Komponiment
(15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar **wieħed** minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ iridu jintwerew il-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.*

a. L-istaġuni kemm għadhom jeżistu?

b. Festa bla nar mhix festa. Tassew?

ċ Il-bniedem qed jindaħal wisq fin-Natura u issa qiegħed ibati l-konsegwenzi.

d. It-theddida tat-Tielet Gwerra Dinjija – realtà jew fantasija?

e. Il-poter bilfors jitlagħlek għal rasek. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## It-Taqsira
(5 marki)

*Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar* ***mitt (100)*** *kelma:*

Il-ħsieb ewlieni tal-logħob, mad-daqqa t'għajn, jidher li huwa divertiment u mogħdija taż-żmien. Imma hawn ta' min jgħid li, filwaqt li għall-adulti jista' jfisser tabilħaqq hekk, inħoss li fil-każ tat-tfal, il-logħob m'għandux jitqies bħala mogħdija taż-żmien. Jista' jkun ta' divertiment għat-tfal għax jieħdu gost jilagħbu, imma jekk niflu ftit din it-tema psikoloġikament u fiżikament, nindunaw li fit-tfal il-logħob huwa l-ewwel nett mezz ta' żvilupp u esperimentazzjoni li bih jitgħallmu jħalltu u jaqsmu ma' ħaddieħor, jieħdu inizjattivi, jidraw it-telf u mhux jistennew biss rebħ, u jindunaw li fil-ħajja jridu jissieltu u jsofru minn kollox. Minbarra dan jidraw ukoll jużaw idejhom, saqajhom u moħħhom f'diversi sitwazzjonijiet. Il-logħob tat-tfal jista' jkun il-jum kollu, imma m'għandux jitqies biss bħala ħela ta' żmien jew mogħdija ta' żmien. Fl-adulti l-logħob huwa divertiment, iżda divertiment fl-adulti jista' jieħu xejra għalkollox differenti minn ta' ħaddieħor, għax jistgħu jgħaddu ż-żmien b'xi ħaġa li għal ħaddieħor hija xogħol, strapazz jew dwejjaq.

Fi studju sħiħ il-logħob jista' jiġi kklassifikat b'diversi modi. Nistgħu naqsmuh bejn logħob komunali (grupp ta' tfal), u logħob ieħor li mhux bilfors jilagħbuh aktar minn persuna waħda, l-aktar fil-każ tal-ġugarelli. Il-logħob komunali wkoll jista' jinqasam fi tnejn, bejn logħob fejn jintużaw oġġetti, bħal ballun, boċċi, ħabel u ċagħaq, u logħob fejn ma jintuża xejn ħlief azzjoni u kliem, bħal noli, kantunieri, ħarba, u oħrajn. Nistgħu nużaw klassifikazzjoni differenti għalkollox, fejn naqsmu l-logħob bejn dik l-attività fiżika jew ċaqliq minn post għal ieħor, u dak aktar sedentarju, li tista' tilagħbu wieqaf f'post wieħed. Il-logħob ivarja u jinbidel skont iż-żminijiet, u sikwit ikun hemm logħob li jkun ta' ċertu żmien u jispiċċa. Ħafna mil-logħob spontanju tat-tfal jikkopja dak li jara fil-kbar. Għalhekk insibu, li fil-gwerra t-tfal kienu jilagħbu tas-suldati, jagħmlu gwerer, jibnu u jattakkaw fortizzi bil-ġebel tal-bini mwaqqa' u jagħmlu armi tal-injam.

(Addattata minn *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin* ta' Guido Lanfranco)

## TAQSIMA Ċ
## Il-Lingwistika Maltija
(10 marki)

*Agħżel mistoqsija* ***waħda****:*

a. Bħala l-iċken element grammatikali li għandu tifsira, il-morfema tista' tkun ħoss jew nuqqas ta' ħoss, żieda, bidla jew binja morfoloġika li għandha tifsira. Iddiskuti b'eżempji xierqa.

b. Bħala Maltin għandna bżonn kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż, iżda għandna bżonnhom it-tnejn tajbin. Iddiskuti.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2016 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12.05 |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Minkejja li l-poeta ma jiktibx biex jirrakkonta l-esperjenzi tiegħu, huwa jagħti ħjiel tal-ferħ u tan-niket li jġarrab fir-relazzjonijiet tiegħu mal-oħrajn. Iddiskuti.

2. Kważi kull poeta jfittex il-pajsaġġ naturali u jsib fih mhux biss is-sbuħija li tidher iżda wkoll it-tifsira moħbija li hemm fil-ħlejjaq. Għalhekk huwa sikwit jistagħġeb, jistaqsi, jitlob u jiskot. Ikkummenta.

## TAQSIMA B
## Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Ikkummenta fuq il-mod kif, permezz tal-istil, Pawlu Aquilina joħloq versi li huma dejjem ġentili, donnhom stedina biex xi ħadd jieqaf ħalli jisma' u jħoss bħalu.

2. Pawlu Aquilina jikteb dwar l-ambjent naturali b'taħlita ta' ammirazzjoni lejn Alla li ħalqu u rispett lejn kull min jara fin-natura wirt ta' ġmiel. Iddiskuti.

3. Maria Grech Ganado sikwit tibni ambjent partikolari bil-post u bil-ħin, u ssarrfu f'sitwazzjoni partikolari li fiha jkun jonqos biss li tinstema' hi titkellem, bi kliem konċiż, dirett, b'emozzjoni qawwija u fl-istess ħin imrażżna. Iddiskuti.

4. Waqt li fil-poeżiji tagħha Maria Grech Ganado tesprimi s-sentimenti qawwijin tagħha, hi tagħti saħħa akbar lil dawn is-sentimenti billi tħallathom ma' xejriet tal-ambjent naturali ta' madwarha. Ikkummenta.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħżel **waħda** minn dawn iż-żewġ poeżiji.*

*Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwar il-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Il-poeżija għandha tkun analizzata fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-metafori u lill-għażla tal-kliem.*

(a) **L-Eżiljati**

Telqu għall-kontinent
il-minsi
fejn hemm il-kannamieli
u s-siġar tal-gomma.
Salpaw eżiljati minn fejn
kienu jistinkaw fit-tarzna
jew fuq l-imniezel tal-faħam.

Ġużeppi u l-*gang*
għebu fl-orizzont
fuq bastiment imsaddad
u ħallew warajhom
il-griebeġ tal-Kottonera u tal-Ħamrun.
Insew il-fabbrika
tat-tabakk u l-pipi
u l-inkwatru
tal-Madonna tas-Saħħa
mixgħul b'xemgħa tat-tazza.

Fil-kontinent il-ġdid
insew l-isqaqien issikkati
madwar il-Knisja
u missew l-art il-ġdida
ma jafux x'hemm jistenniehom.
X'hemm lest jibla' 'l ruħhom.

Mario Azzopardi

**JEW**

(b) **Oħti**

int oħti
għax bħali mara
bħali taf it-theddida
ta’ ġisem imgħawweġ ganċ
maqrus bejn mewt u ħajja
miblugħ minn ħalel swar
u f’għajnejk bħal f’għajnejja
msammra l-għajta muta
ta’ ġisem imċarrat
u tiżleġ l-għeja fgata
ta’ ġisem imsewwi
meħjut mill-ġdid

Nadia Mifsud

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 5 ta' Settembru 2016 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12.05 |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Marco Galea jgħid li fid-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant "hemm l-ingredjenti kollha ta' *thriller* politiku." Iżda "l-awtur mill-ewwel jaqleb il-plott ta' taħt fuq meta l-mejjet jidher lill-maħbuba tiegħu, u mhux hekk biss, imma l-apparizzjoni hija maqsuma f'żewġ persuni." Ikkummenta.

2. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant, Rita tgħid li l-pajjiż jinsab fi kriżi. "Biex ikompli fil-ħidma tiegħu ħalli jiżviluppa l-pajjiż, il-Moviment jeħtieġ li jaddotta linja ċara li se toqros l-interessi ta' ħafna min-nies li sa issa, b'mod jew ieħor, kienu qed jappoġġjawna." Kemm taħseb li Rita u l-karattri l-oħrajn fid-dramm jaraw l-interessi tal-Moviment qabel dawk tal-pajjiż?

3. Waqt li d-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer "jikkonċentra fuq Menz bħala l-individwalista prattiku iżda inkonxju u fuq ir-relazzjoni tiegħu ma' Ġorġ, l-individwalista li jemmen fl-ideali tar-revoluzzjoni, min-naħa l-oħra hemm Tereża li tippreżenta stat bejn iż-żewġ estremitajiet." Iddiskuti din l-osservazzjoni ta' Oliver Friggieri dwar dan id-dramm.

4. *Menz* ta' Francis Ebejer jista' jitqies bħala dramm mingħajr għeluq, xogħol li fi tmiemu jibqa' miftuħ għal bosta interpretazzjonijiet. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Lino Spiteri jidher, fil-ġabra tiegħu *Ħala taż-Żgħożija*, bħala osservatur deċiż tar-realtà soċjali li huwa qabelxejn raha mill-qrib, u mbagħad bnieha mill-ġdid biex jislet minnha r-riflessjoni li biha jolqot lill-qarrej. Iddiskuti.

2. F'*Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri hemm karattri li jixxiebhu u li lkoll flimkien isawru klassi soċjali, waqt li hemm ukoll karattri differenti li donnhom jinqatgħu mill-ġemgħa soċjali kollha. F'din id-diversità l-awtur jidher li jixtieq jara jekk, taħt dawn il-varjetajiet, hemmx qofol komuni. Iddiskuti.

3. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, Leli hu differenti u ogħla moralment mill-kotra li ma tifhimx. Iddiskuti dan l-aspett fid-dawl tal-kunflitt bejn l-għarfien u l-injoranza.

4. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, Ġużè Ellul Mercer jippreżenta għadd ta' karattri nisa li filwaqt li lkoll għandhom rabta b'xi mod mal-protagonista, għandhom l-individwalità tagħhom bħala karattri sekondarji. Iddiskuti.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.*

*F'dan it-taħriġ m'għandhiex tingħata t-taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.*

### (a)

Għall-ikla ta' nofsinhar tal-Milied kellna lil Oscar u 'l Rosalie bit-tfal mistednin għandna. Kienet okkażjoni ħelwa, ibda biex, dawk it-tfal il-veru jagħtuk gost issa li qegħdin jikbru. Mhux li qabel kienu jdejquna, imma meta xi drabi kienu jibdew jeqirdu bla ma taf xi jridu, dak kien jirritani. Aktarx għax kont inkun ġejja għajjiena mill-isptar. Trid iżżomm quddiem għajnejk li jien fuq ix-xogħol nisma' biki biżżejjed! Joanna għandha disa' snin u Vincent għandu sitta. Jafu meta għandhom jitkellmu u meta għandhom joqogħdu bi kwiethom, ta' manjieri tajba u bla ebda ħmerijiet għall-ikel.

Ommi u ħuti tgħidx kemm kienu ilhom fil-kċina biex isajru dik l-ikla għax, kif jagħmlu l-familji Maltin kollha, ma jkunux kuntenti jekk ma jkollniex xi tliet platti differenti għall-ikla tal-Milied. Aktarx jimmaġinaw li nkunu ilna Avvent sħiħ bla ma nitrejqu. Domna fuq il-mejda sat-tlieta. Ħadt pjaċir niltaqa' mal-familja kollha, ħaġa li ma tiġrix ta' spiss għax matul is-sena kulħadd ikun medhi b'xogħlu. Fl-istess ħin ġie xi jgħidli li għalkemm kont wasalt fejn xtaqt u sirt tabiba, b'danakollu xi ħaġa fija kienet għadha tixxennaq għal dik il-ħolma naturali ta' kull mara: li xi darba jkolli l-familja tiegħi, li xi darba jkolli tfal bħal dawk ta' ħija.

U x'kont qed nistenna? Mistoqsija li fil-każ tiegħi kienet ftit ikkumplikata u mhux lakemm tweġibha malajr malajr.

Ftit jiem qabel ommi kienet staqsietni jekk nixtieqx li nistieden lil Sandro biex ikun magħna għall-ikla tal-Milied. Minn dakinhar ta' wara t-tieġ ta' Oscar qatt aktar ma kien rifes it-tarġa tal-bieb tagħna. Kont bejn ħaltejn, u weġibtha li kont se nagħtiha tweġiba ma ndumx. Għalhekk l-ewwel darba li rajtu staqsejtu x'kien biħsiebu jagħmel fil-Milied. Dam ftit biex qalagħha u fl-aħħar qalli, "Lanqas biss għadna tkellimna xejn dwar l-ikla tal-Milied, imma s-soltu kemm il-mamà u kemm il-papà jinsistu li nkunu lkoll madwar il-mejda għal dik l-okkażjoni speċjali. Taf int, bosta drabi jien inkun fuq ix-xogħol, u huma msieken dejjem weħidhom, rari nkun magħhom."

(Minn *Katrina* ta' Lina Brockdorff)

**JEW**

**(b)**

Bqajt nixrob it-te sal-aħħar. Ma xtaqtx nitkellem fuq Jenny. Qatt ma kien jinteressani kemm kienet iżgħar minni Jenny. Imma Jenny kienet għallmitni ħafna.

"Int għandek xi siġar x'tiżbor?" staqsejtha.

"U kompli ixrob, x'għaġla hemm? Ħa nferragħlek ftit ieħor."

"Biżżejjed daqshekk! Aħjar immur nibda," għedtilha kważi b'ħatfa.

Ħriġt fil-ġnien u mort fil-kamra tal-għodda. Ma kienx mument li semmietli lil Jenny, ommi! Kont sibt lil Jenny tistennieni darba waħda. Kien is-Sibt u la jien u lanqas Jenny ma kellna skola.

"Miskina, ma kellhiex xorti." Ommi ġiet warajja.

"Min, ma?"

"Għal Jenny, qed ngħid," komplietli donnha mistagħġba kemm sirt ninsa. "Għadha kemm isseparat, qaltli ommha. L-ewwel kellha dik it-tarbija, jaħasra..."

Bdejt inqalleb fil-kaxxa tal-għodda ta' missieri. Ma stajt narah imkien l-imqass taż-żabra. Ħlief lil Jenny ma bdejtx nara quddiemi. Jenny bilqiegħda fuq il-kaxxa tal-injam f'din il-kamra fil-ġnien, tgerrem difrejha. Jenny li kienet ġabitli ċikkulata mill-ħanut tal-ħelu fejn kienet bdiet taħdem wara li ħarġet mill-iskola. Żgur li kienet serqitha. Ommi qaltilha biex tnewwilli t-te. Il-magg kont ħallejtha mal-art. Xofftejn Jenny kienu sħan xħin resqet lejja. Ommi kienet qed tgħid xi ħaġa fuq tarbija li twieldet qabel iż-żmien u mietet qasir il-għomor. Erġajt ftaħt il-ferita, farrett li ma fieq qatt biż-żmien.

"Jenny kienet għadha tifla. Kien iddispjaċieni għaliha. Bilfors li missier it-tarbija kien daħaq biha! Imbagħad kienet iżżewġet barrani..." Ommi ġiet tfittex miegħi.

"X'int tfittex? Dan?" qalti hekk kif newlitli l-imqass.

Bdejt niżbor bl-addoċċ. Lis-siġar kont qed inweġġagħhom. Ridt noħorġilhom id-demm. Qaċċatt kemm flaħt friegħi. Ridthom imutu ħalli ommi ma toqgħodx tibgħat għalija biex niżborhom. Fl-istess ħin kont naf li ommi malajr kienet se tivvinta skuża oħra biex tibgħat għalija.

"Isseparat, miskina!"

Qrast subgħajja u beda ħiereġ id-demm. Ommi daħlet ġewwa ġġibli faxxa.

(Minn: "Farrett" ta' Rita Saliba (addattata minn *Leħen il-Malti* 2015))